**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 5 t'Ottubru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Carmelo Bartolo**

**Vs**

**Carmelo Butler**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Carmelo Butler, ta' 36 sena, iben Michael u Nikolina nee' Vassallo, imwieled Pieta' nhar il-11 ta' Frar 1963 u li joqghod "Casa Butler", Triq il-Foss tas-Sur, Birgu, u li ghandu l-karta tal-identita' bin-numru 130963M;

Talli f'dawn il-Gzejjer f'xi hin bejn is-16 ta' Settembru 1994 u is-17 ta' Settembru 1994:

1) Ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Morris Marina, bin-numru tar-registrazzjoni T-6102, liema vettura kellha diversi oggetti fiha, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-mezz, hin u bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta' Nazzareno Borg minn tas-Sliema;

2) Kif ukoll talli nhar il-25 ta' Frar 1995, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, xejntement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, u cioe' vettura tal-ghamla Morris Marina bin-numru tar-registrazzjoni T-6102, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema vettura gejja minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (LM 1000);

3) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fis-17 ta' Settembru 1994, certu Nazzareno Borg kien irrapporta li l-vettura tieghu, Morris Marina ta' lewn isfar bin-numru T-6102, kienet giet misruqa fil-lejl ta' qabel. Fis-27 ta' Mejju 1995 l-istess Nazzareno Borg kien qieghed Ghawdex u ra u gharaf il-vettura tieghu, izda bi pjanci differenti, bin-numru E-2558. Huwa avvicina lill-persuna li kien b'dik il-vettura u qallu li hi tieghu. L-iehor, certu Piju Grech, wiegeb li hu kien xtara l-vettura minn ghand Carmelo Camilleri, 'dealer' tal-karozzi taht l-isem 'Sika Auto'. Borg irrapporta dan kollu l-ghassa tal-Pulizija f'Tas-Sliema, li min-naha taghhom infurmaw l-ghassa t' Ghawdex. Il-vettura ingabret mill-Pulizija, li raw li n-numru tax-'chassis' kien mibdul. Huma kellmu lil Grech u lil Camilleri, u kkonfermaw li l-vettura nbieghet regolarment fuq il-'log book', izda l-lewn ma kienx jaqbel. Di fatti, il-pjanci bin-numru E-2558 kienu ta' Morris Marina ta' lewn ahdar, mhux bhal dik mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk il-Pulizija ssuspettat li l-pjanci taz-zewg vetturi in kwistjini kienu gew mibdula minn terzi. Mill-investigazzjoni li saret, irrisulta li Camilleri kien xtara l-vettura s-safra minn ghand zewg persuni, Emmanuel Buhagiar u Carmelo Butler, l-imputat odjern. Ghalhekk il-Pulizija ordnat l-arrest ta' dawn iz-zewg persuni u dawn tressqu l-Qorti f'zewg kawzi separati.

Mill-provi prodotti irrisulta ampjament ippruvat li l-vettura li kienet fil-pussess ta' Piju Grech kienet l-istess wahda li nsterqet lil Nazzareno Borg ftit xhur qabel, minkejja li din kellha pjanci differenti. Irrisulta li l-vettura li kellha dawk il-pjanci, Morris Marina ta' lewn ahdar, kienet inbieghet lil Emmanuel Buhagiar minn certu Anthony Mercieca, u l-vettura kienet ta' omm il-mara tieghu izda kien juzaha hu. Din il-Morris Marina hadra kienet fi stat u kundizzjoni hazina hafna, u nbieghet ghal ftit flus. Ghalkemm ma ngabet ebda prova diretta, jidher li l-pjanci inbidlu meta z-zewg vetturi kienu fil-pussess ta' Buhagiar. Dan qed jinghad mill-Qorti ghas-semplici raguni li l-Morris Marina hadra kienet f'kundizzjoni hazina hafna, u l-ghada jew jumejn wara li nbieghet lil Buhagiar, Mercieca mar ghand Buhagiar jaqla' l-licenzja tal-vettura mill-'windscreen' taghha u kumbinazzjoni lemah il-pjanci tal-vettura tieghu mwahhla fuq Morris Marina safra. Fil-fatt fix-xiehda tieghu jghid li kienet xi haga

impossibbli li fi zmien daqshekk qasir – f'gurnata jew tnejn – il-vettura tieghu trangat u nbidlet bil-kulur b'kollox. Ghalhekk il-Qorti tista' facilment tikkonkludi li Buhagiar biddel il-pjanci taz-zewg vetturi.

Inoltre, irrisulta wkoll li din il-vettura, il-Morris Marina safra bil-pjanci tal-ohra, inbieghet lil Camilleri minn Butler u minn Buhagiar flimkien. Dan irrisulta b'mod car mix-xiehda ta' Camilleri stess, li ha kopja tal-karta tal-identita' ta' Butler u ta' Buhagiar. Anzi, fix-xiehda tieghu qal li kien proprju Butler, l-imputat odjern, li innegozja l-ftehim mieghu, u dan kien qed jaghmel premura biex il-vettura tinbiegh malajr ghax – skond Butler stess – Buhagiar kien qed imut u ma riedx illi jzomm din il-vettura fuq ismu. B'hekk sar it-transfer relattiv tal-vettura minn fuq Buhagiar ghal fuq Camilleri, li min-naha tieghu sussegwentement biegh il-vettura lil Piju Grech. Meta gie interrogat l-imputat u rrilaxxa stqarrija fit-22 ta' Settembru 1995, hu cahad li kien biegh vettura lil Camilleri, cahad li kien tela' Ghawdex ghal dawn l-ahhar snin, cahad li nnegozja xi vettura flimkien ma' Buhagiar, u qal li lil Buhagiar jafu ftit. Dan imur kompletament kontra x-xiehda ta' Camilleri, liema xiehda hija kkorroborata mill-fatti l-ohra kollha u mix-xhieda l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluz il-provi kollha migbura fl-atti tal-inkjesta relattiva u esebita fil-process. Minn dan il-fatt, ghalhekk, jidher car li Butler kien jaf sew li qed jinnegozja vettura misruqa. Jekk kienx hu li seraqha wahdu jew ma' terzi ma giex ippruvat, izda li kien jaf li din hija misruqa u ried jehles minnha malajr huwa ovvju u univoku. Fil-fatt, Buhagiar ghadu haj, u xehed quddiem din il-Qorti ftit xhur ilu. B'xorti tajba ma giex nieqes tnejn u ghoxrin sena wara. Kull kumment ulterjuri huwa superfluwu.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ghandu jinstab hati ta' ricettazzjoni, minghajr l-addebitu tar-recidiva li ma giex ippruvat. Kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija, li izda m'ghandhiex tidhol fis-sehh izda tinzamm sospiza, anke minhabba t-trapass ta' zmien li ghadda minn meta twettaq dan ir-reat, aktar minn tnejn u ghoxrin sena ilu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 289 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ma ssibx lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel akkuza kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tiilliberah minnha.

In oltre din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat hati tat-tieni akkuza kif dedotta mill-prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**